KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 22 Tnejn 7 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta Microsoft Teams fis-6:10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Joseph Edward Howard – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

**MISTIEDEN:**
Daniel Galea - Accountant

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsillier Howard. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 21**

**REF: 21.3.2 Kommunikazzjoni-Extension Change Request Review Board Decision Measure 4.4**

Is-Sindku nfurmat li ltaqet mal-Kuntrattur, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill fuq il-post fi triq San Pawl tal-Qlejja.

Triq il-Bidnija rċevejna petizzjoni u irriżultat li hija żona sensittiva, u għalhekk hawnhekk ġie deċiż li din it-triq ma ssirx, u ħa ssir talba lil Awtorità ta' l-Ippjanar biex il-fond li applikajna għalih jitqassam kollu fuq tlett toroq, flok fuq erba' kif kien oriġinarjament ippjanat.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 21 .

Fis-6:20pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqara item 22.5.4 Quarterly Financial Report 2: April -June 2020.

**22.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**22.3.1- Kommunikazzjoni - New Street fi Triq il-Kultelazz**

L-isem ġdid ta' Triq il-Pitiross li bħalissa jġib l-isem ta' *new street* fi Triq il-Kultellazz, il-membri preżenti unanimament approvaw li din tibqa ddur skont il-pjanta annessa immarkata bħala Appendiċi A.

**22.3.2 Kommunikazzjoni - Tindif Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nfurmat li bdejna xahar bi prova biex jiżdied impjegat ta' l-istreet sweeping biex il-passaġġi, *soft areas* u l-*bins* f'dan il-ġnien jibqaw mnaddfa. Dan l-impjegat ħa jkun qed jaħdem 6 siegħat kuljum 3 siegħat fil-għodu u 3 siegħat oħra wara nofs in-nhar/filgħaxija mit-Tnejn sal-Ħadd.

Saret diskussjoni biex jinbidlu l-*bins* għax mhux kbar biżżejjed u qed jimtlew wisq malajr. Dawn il-*bins* jieħdu separazzjoni ta' skart, imma wisq żgħar u għalhekk dawn hemm bżonn jinbidlu. Il-membri preżenti qablu li għalissa sakemm jsir id-devoluzzjoni tal-ġnien, dawn il-*bins* ma jinbidlux.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex jiżdied impjegat ta' l-istreet sweeping.

Il-Viċi Sindku żied jgħid li taħt it-teatru grieg hemm kamra, u staqsa kif persuna li jagħmel klassijiet taż-Zumba għandu ċavetta ta' din il-kamra biex jerfa xi affarijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja.

**22.3.3 Kommunikazzjoni - Żona ta' Xkora biex isiru one way**

Is-Sindku nfurmat li waslitilha talba, biex il-Kunsill jerġa jikkunsidra li Triq il-Kaħwiela u triq it-Tengħud tax-Xagħri jsiru *one-way,* bid-daħla tkun min triq il-Kaħwiela.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kienet diġà saret konsultazzjoni pubblika u r-residenti ma kienux qablu li din iż-żona ssir *one-way*. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat lil-membri preżenti dwar din il-laqgħa pubblika li kienet saret fiz żmien l-eks Sindku Ivan Bartolo, f'Marzu ta' l-2017, liema dettalji u minuti ġew provduti lis-Sindku.
Is-Sindku nfurmat li ħa tkellem lis-sid tal-*bore hole*, għax jidher li għandu problema bil-bowser meta jiġi biex jimla.

**22.3.4 Kommunikazzjoni - Risk Assessment Reports**

Is-Sindku nfurmat li saru Risk Assessment Reports fil-ġonna, fejn ġejna mitluba mil-MCCAA li fil-ġonna pubbliċi jridu jsiru gradi u affarijiet oħra. Għalhekk, qed infittxu kwotazzjonijiet biex jsiru l-affarijiet neċessarji kif qed jiġi mitlub skont ir-rapporti.

**22.3.5 Kommunikazzjoni - Accumulation of Vacation Leave Executive Secretary**
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tiġdid ta' 108 siegħa leave tas-sena 2020 għal 2021.

**22.3.6 Kommunikazzjoni - Pavement build out Triq Stivala**
Is-Sindku nfurmat li f'din it-triq hemm żewġ kabinets li qed jostakolaw il-bankina. Għalhekk, il-membri preżenti unanimament approvaw li l-bankina tiżdied 120cm il-barra mil-akbar kabinett.

Fit-8:50pm il-membri preżenti unanimament qablu li l-ħin tal-laqgħa jiġi estiż sad-9:30pm.

**22.3.7 Kommunikazzjoni - Bieb Ċentru Ċiviku**
Il-membri preżenti unanimament qablu li qabel ma jsiru x-xogħolijiet neċessarji u ssir l-evalwazzjoni mil-Perit tal-Kunsill, l-ewwel nitolbu permess lid-Dipartiment tal-Lands, u ninfurmawhom bil-bidliet li jixtieq jagħmel il-Kunsill fl-entratura taċ-Ċentru Ċiviku.

**22.3.8 Kommunikazzjoni - Kwotazzjoni għall-instalazzjoni ta CCTV cameras**
Il-membri preżenti qablu biex il-kwotazzjonijiet jiġu mgħoddija lil-Kunsillier Cassar għal kummenti tiegħu. .

**22.3.9 Kommunikazzjoni - Free Online ECDL Training in your community**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li xtaqet tibgħat lil impjegati l-ġodda biex jattendu kors tal-ECDL li jiswa €675 kul persuna.

Il-membri preżenti unanimament qablu li dan it-trejning għandu jsir wara l-*probation*.

**22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**22.4.1 Triq Ruzar Briffa**
Il-Kunsillier Micallef nforma li fi triq Ruzar Briffa, skart għadu qed jintrema b'mod illegali, u xi residenti pprovdu video lil Kunsillier b'dan l-abbuż. Is-Sindku talbiet lil Kunsillier Micallef biex jgħaddilha l-video biex tkun tista' tkellem lil LESA.

**22.4.2 PPP**
Il-Kunsillier Cassar staqsa kemm fadal pagamenti x'jitħallsu tal-PPP. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wasalna lejn l-aħħar u ħa tikkonferma eżatt l-ammont.

**22.5 Rapporti**

**22.5.1 Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv qrat in-nominati lil Kunsilliera preżenti, u ttieħdu l-voti hekk kif qed jiġi indikat fit-tabella;

| KUNSILLIERA | ĠIEĦ il-MOSTA | RIKONOXXIMENT |
|---|---|---|
| Romilda B. Zarb | Saviour Dimech | Peter Borg |
| | Mario Sammut | Ġamri Deguara |
| | Victor Galea | / |
| Christopher Grech | Victor Galea | Peter Borg |

| | | |
|---|---|---|
| | Mario Sammut | Ġamri Deguara |
| | Saviour Dimech | / |
| Keith Cassar | Mario Sammut | Ġamri Deguara |
| | Victor Galea | Fr. David Muscat |
| | Fr. David Muscat | / |
| Francis Deguara | Saviour Dimech | Peter Borg |
| | Mario Sammut | Ġamri Deguara |
| | Victor Galea | / |
| Angele Rapa | Mario Sammut | Fr. David Muscat |
| | Saviour Dimech | Ġamri Deguara |
| | Victor Galea | / |
| Joseph Gatt | Victor Galea | Ġamri Deguara |
| | Mario Sammut | Fr. David Muscat |
| | Saviour Dimech | / |
| Rachel Abela | Mario Sammut | Peter Borg |
| | Victor Galea | Ġamri Deguara |
| | Saviour Dimech | / |
| Shirley Abela | Victor Galea | Peter Borg |
| | Saviour Dimech | Ġamri Deguara |
| | Mario Sammut | / |
| Aiken Zerafa | Saviour Dimech | Fr. David Muscat |
| | Mario Sammut | Ġamri Deguara |
| | Fr. David Muscat | / |
| Maria Pia Bonnici | Saviour Dimech | Peter Borg |
| | Mario Sammut | Ġamri Deguara |
| | Victor Galea | / |
| Mario Victor Camilleri | Saviour Dimech | Peter Borg |
| | Mario Sammut | Ġamri Deguara |
| | Victor Galea | / |
| Mikhail Micallef | Saviour Dimech | Fr. David Muscat |
| | Victor Galea | Ġamri Deguara |
| | Mario Sammut | / |
| **VOT FINALI** | | |
| **ĠIEĦ il-MOSTA** | Mario Sammut (voti 12)<br>Saviour Dimech (voti 11)<br>Victor Galea (voti 11) | |
| **RIKONOXXIMENT** | Ġamri Deguara (voti 12)<br>Peter Borg (voti 7) | |

Il-membri preżenti unanimament approvaw li kif mniżżel fir-regoli, jingħata rikonoxximent lil-Kunsilliera li servew fil-Kunsill, u din is-sena jmiss il-ħames leġislatura. Għalhekk, il-Kunsilliera Kirby Fenech u Dr. Nicola Fenech Adami ħa jingħataw rikonoxximent.

**22.5.2- Update- Ingaġġ ta' skrivan Skala 15**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna madwar 10 applikazzjonijiet, u l-*interviews* ser jsiru nhar it-22 ta' Settembru 2020, mit-3:00pm l-quddiem.

Ma dawn l-*interviews* ħa ssir wkoll l-*interview* tal-Community Inclusive Scheme.

**22.5.3- Evaluation of Tender KLMT-04-2020 - Services of a Contracts Manager for the Mosta Local Council**
Is-Sindku nfurmat li rċevejna 12 bids, u issa kemm nibdew l-evalwazzjoni.

**22.5.4- Quarterly Financial Report 2- April -June 2020**
L-Accountant Daniel Galea ta' rendikont tar-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena min April sa Ġunju 2020.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament il-Quarterly Financial Report 2 min April sa Ġunju 2020.

Fis 6:30pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqara *item* 22.5.1 Onorifiċenza / Ġieħ il-Mosta

**22.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**22.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 107.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 5 ta' Awissu sas-7 ta' Settembru 2020.

**22.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**22.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**22.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri x-xahar ta' Awwissu 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**22.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:45 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għd-29 ta' Settembru 2020 fis-6:00pm.

Konfermati llum 7 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |